

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1057/2008**tas-27 ta' Ottubru 2008**

li jemenda l-Appendiċi II tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 dwar iċ-Ċertifikat ta' Reviżjoni tal-Adegwatezza għall-Avjazzjoni (EASA Formola 15a)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 216/2008 tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizazzjonijiet u persunal involuti f'dan ix-xogħol⁽²⁾ ġie emendat bir-Regolament (KE) Nru 1056/2008⁽³⁾.
- (2) Iċ-Ċertifikat ta' Reviżjoni tal-Adegwatezza għall-Avjazzjoni stabbilit fl-Appendiċi II tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implementaz-

zjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatati jiġu ċċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom⁽⁴⁾ jiġi sostitwit b'mod li jirreflett t-tibdil li sar fuq ir-Regolament (KE) Nru 2042/2003.

- (3) Il-miżuri previsti b'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni maħruġa mill-Aġenzija⁽⁵⁾ skont l-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma fi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**Artikolu 1**

Appendiċi II (Ċertifikat ta' Reviżjoni tal-Adegwatezza għall-Avjazzjoni, EASA Formola 15a tal-Anness (Parti-21) tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003) jiġi sostitwit mit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jibda' jseħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'll-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbi fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni

Antonio TAJANI

Viċi President

⁽¹⁾ ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1.

⁽³⁾ Ara paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽⁴⁾ ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6.

⁽⁵⁾ Opinjoni 02/2008.

ANNESS

"Appendix II

Ċertifikat ta' Reviżjoni tal-Adegwatezza għall-Avjazzjoni

[STAT MEMBRU]

Membra tal-Aġenċija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni

ĊERTIFIKATI TA' REVIŻJONI TAL-ADEGWATEZZA GĦALL-AVJAZZJONI

Referenza ARC:

Skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li attwalment jinsab fis-seħħi, [L-AWTORITA' KOMPETENTI TAL-STAT MEMBRU] b'dan tiċċertifika li l-inġenju tal-ajru li ġej:

Manifattur tal-inġenju tal-ajru:

Isem il-manifattur:

Reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru:

Numru serjali tal-inġenju tal-ajru:

fil-mument ta' reviżjoni ġie kkunsidrat li jista' jintuża fl-ajru.

Data tal-ħruġ: Data tal-iskandenza:

Iffirmat: Numru tal-awtorizzazzjoni:

L-ewwel estensjoni: L-inġenju tal-ajru baqa' f'ambjnet ikkontrollat skont il-punt M.A.901 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 għas-sena li għaddiet. Fil-mument tar-reviżjoni ġie kkunsidrat li jista' jintuża fl-ajru.

Data tal-ħruġ: Data tal-iskandenza:

Iffirmat: Numru tal-awtorizzazzjoni:

Isem il-kumpanija: Referenza tal-approvazzjoni:

It-tieni estensjoni: L-inġenju tal-ajru baqa' f'ambjnet ikkontrollat skont il-punt M.A.901 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 għas-sena li għaddiet. Fil-mument tar-reviżjoni ġie kkunsidrat li jista' jintuża fl-ajru.

Data tal-ħruġ: Data tal-iskandenza:

Iffirmat: Numru tal-awtorizzazzjoni:

Isem il-kumpanija: Referenza tal-approvazzjoni: